MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Numru 354/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**VS**
**RODERICK CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Roderick Caruana ta' 21 sena (Dtt: 03/03/1988) bin Philip u Ludgarda nee' Mallia, imwieled Pieta' u li joqghod numru 16, Triq il- Hajja Ewlenija, Birzebbuga (identity card numru 138188 (M)

Illi huwa akkuzata talli:

1. Volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura bin- numru ta registarazzjoni LCB 846, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l- elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma huwa aktar minn mija usittax –il euro u

sebgha u erbghin centesmu (116.47) ghad- detriment ta' Johann Pisani mill- Kalkara.

2. U aktar talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Johann Pisani, u dan skond kif iccertifika Dr Mario Abela Md mill- klinika ta' Rahal Gdid.

3. U aktar talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi, gibt ruhek b' dali mod li kkaguna lil haddiehor biza, li se tintuza vjolenza meta kien jaf jew missu kien jaf li b' tali mgieb tieghu ser jikkugana lil haddiehor biza.

4. U aktar talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi m' obdiex l- ordni legttima tal- Awtorita' jew ta' persuni nkarigati minn sevizz pubbliku jew ma hallijomx jew fixkilthom waqt il- qadi ta' dmirijiethom, jew b' xi mod iehor, bla jedd indahal fid- dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix- xejn jew hassar dak li haddiehor, ikun ghamel skond il- Ligi;

5. Akkuzat wkolli talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l- bon ordni b' ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

6. Akkuzat wkolli talli fl- istess data, lok u hin ksirt il- mistrieh tan- nies bi hsejjes jew ghajjat jew b' mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba li barra li tapplika l- piena stabbilita ghal- dan ir- reat, tapplika l- provvediment ta' artikolu 383 tal- Kodici Kriminali ghas- sigurta' ta' Johann Pisani u Jessica Grima.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il- kunsens tal- Avukat Generali; a fol 15 u dak ta' l- imputat sabiex il- kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni tieghu wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l- istess ammissjoni tieghu il- Qorti issib lil imputat Roderick Caruana hati skond l- akkuza u wara li rat Artiklu 325, 221, 339 (ee), 338 (dd) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta u Artiklu 22 Kap 446 yillibera lil imputat bil- kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) –il xahar.

Din piena giet akkordata wara li l- Qorti hadet il- konsiderazzjoni l- eta’ giovanili ta l- imputat, il- fatt li l- fedina penali hu nadifa netta u l- ammissjoni bikrija tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------